# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**(AĠENT PRESIDENT)**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G MANGION**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 25 ta' Marzu, 2021.**

**Numru 1**

**Rikors numru 12/2017/1 JRM**

**L-Avukat Dottor Anthony P. Farrugia**

**v.**

**L-Avukat Ġenerali; l-Avukat Dr Deborah Farrugia fil-kapaċita` tagħha ta' Segretarju tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja u tal-Kumitat għall-Avukati u Prokuraturi Legali u in rapprezentanza tal-istess; u Mandy Azzopardi u George Galea, għal kull interess li jista' jkollhom**

**Il-Qorti:**

1. B'sentenza tat-22 ta' Marzu 2018 il-Prim'Awla tal-Qorti tat sentenza li biha laqgħet l-eċċezzjoni li l-attur għandu rimedji ordinarji għall-ilment tiegħu u għalhekk ħelset lill-konvenuti milli jibqgħu fil-kawża.

2. B’rikors preżentat fit-13 ta’ Marzu 2017 l-attur ilmenta dwar il-proċeduri li hemm kontrih quddiem il-Kumitat għall-Avukati u Prokuraturi Legali wara ilmenti li saru kontrih mill-konvenuti Mandy Azzopardi u George Galea fis-sena 2011. L-ilmenti li jissemmew fir-rikors promotur u bażati fuq l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet Fundamentali, huma:-

i. Id-direttiva li l-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja tat lill-Kumitat għall-Avukati u Prokuraturi Legali sabiex ikompli bis-smigħ tal-każ, jikser l-Artikolu 101A(6)(b) tal-Kostituzzjoni. Għalhekk kull ħaġa li saret wara li għadda t-terminu li jissemma f’dik id-disposizzjoni, għandhom jitqiesu nulli u mingħajr effett;

ii. Kemm ilu espost għall-proċeduri quddiem il-Kumitat għall-Avukati u Prokuratur Legali, qiegħed jiġi mċaħħad minn smigħ xieraq fi żmien raġonevoli;

iii. Il-Kumitat għall-Avukati u Prokuraturi Legali qiegħed jitolbu jipproduċi informazzjoni li hi protetta mill-iskrutinju tal-Kumitat;

iv. Il-proċeduri kif regolati fil-każ in eżami qegħdin iċaħħduh minn aċċess faċli u ċert għall-atti proċesswali sabiex ikun f’posizzjoni li jiddefendi ruħu.

v. Il-komposizzjoni tal-Kumitat għall-Avukati u Prokuraturi Legali jikser l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem.

3. Kull wieħed mill-intimati, bl-eċċezzjoni ta' George Galea li ma jirriżultax li ppreżenta tweġiba quddiem l-ewwel Qorti, taw eċċezzjoni li l-attur għandu jedd ta' appell quddiem il-Kummissjoni u għalhekk rimedju ordinarju. F'dan ir-rigward:

i. It-tieni eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali taqra:

> *"(II) Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponent jirribatti li d-deċiżjonijiet tal-Kumitat għall-Avukati u l-Prokuraturi Legali mhumiex deċiżjonijiet finali peress li huma appellabbli lill-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja u għalhekk, fi kwalunkwe każ, ma jistax jingħad illi dak il-Kumitat jiddetermina akkużi jew drittijiet jew obbligi ċivili"*.

ii. It-tielet eċċezzjoni tal-intimata Mandy Azzopardi taqra:

> *"3. Illi preliminarjament, din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina li teżerċita s-setgħat li għandha skont il-Kostituzzjoni peress li wara d-deċiżjoni tal-Kumitat, ir-rikorrent għandu dritt li jappella quddiem il-Kummissjoni, u għalhekk huwa għad għandu rimedju provdut mil-Liġi stess"*.

iii. It-tieni eċċezzjoni tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja taqra:-

> *"2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponent jirrileva illi d-deċiżjonijiet tal-Kumitat tal-Avukati u Prokuraturi Legali ma humiex deċiżjonijiet finali stante illi jeżisti dritt t'appell quddiem l-esponent, u għaldaqstant ir-rikorrenti għad għandu rimedji ordinarji provdut mil-liġi"*.

iv. L-ewwel eċċezzjoni tal-Kumitat għall-Avukati u Prokuraturi Legali taqra:

*"1. Illi d-deċiżjonijiet tal-Kumitat tal-Avukati u Prokuraturi Legali ma humiex deċiżjonijiet finali stante illi jeżisti dritt t'appell quddiem il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja u għaldaqstant ir-rikorrenti għad għandu rimedji ordinarji provdut mil-liġi"*.

**Motivazzjoni tal-ewwel Qorti.**

4. L-ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjonijiet u rraġunat:-

*"Illi meta titqajjem eċċezzjoni li tistieden lill-Qorti tagħżel li ma twettaqx is- setgħat tagħha biex tisma' kawża ta' lment ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali, wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li dak li jkun qiegħed jintalab ikun jolqot waħda mis-setgħat ewlenin u bażiċi li l-liġi tagħni bihom lil din il-Qorti. Għalhekk, hija eċċezzjoni li tolqot il-ġurisdizzjoni partikolari li l-liġi tagħti lil din il-Qorti. Hija eċċezzjoni li tinbena fuq il-ħsieb li, qabel ma persuna tersaq quddiem din il-Qorti biex tingħata rimedju għal ksur ta' jedd fundamentali tagħha, tkun inqdiet bir-rimedji l-oħrajn li l-liġi tagħti lil dik il-persuna f'dik il- qagħda;*

*"Illi kif ingħad għadd ta' drabi, l-eżistenza ta' rimedju ieħor lill-parti li tressaq azzjoni ta' allegat ksur ta' jedd fondamentali taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il- Konvenzjoni għandha tirriżulta lill-Qorti bħala stat ta' fatt attwali u oġġettiv, u d-diskrezzjoni li tista' twettaq il-Qorti biex ma teżerċitax is-setgħat tagħha "jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel" minħabba l-eżistenza ta' rimedju ieħor hija deċiżjoni fuq tali stat ta' fatt. Kemm hu hekk, huwa biss meta jew jekk jirriżulta lill-Qorti bħala fatt li (kien) jeżisti rimedju ieħor effettiv lir- rikorrent li l-Qorti tista' tiddelibera jekk għandhiex twarrab milli teżerċita s- setgħat tagħha li tisma' l-ilment imressaq quddiemha. F'każ li ma jirriżultax li kien hemm rimedju ieħor xieraq, il-Qorti trid tieħu konjizzjoni tal-ilment, u f'każ li kien hemm rimedju ieħor, il-Qorti xorta waħda jibqagħlha s-setgħa li tiddeċiedi li ma ċċediex l-eżerċizzju tas-setgħa tagħha;*

........

*"Illi meta jingħad li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, dejjem ikun qiegħed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jiġi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat. M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se' jagħti lir-rikorrent suċċess*

*garantit, għaliex ikun biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi. Fuq kollox, ir-rimedju "ordinarju" mogħti jgħodd ukoll fejn dan jingħata bis-saħħa ta' liġi, imqar jekk biex jindirizza ksur ta' jedd fundamentali li diġa` seħħ jew li x'aktarx iseħħ;*

*"Illi joħroġ ukoll li l-eżistenza ta' rimedju "ordinarju" trid tkun murija kif imiss minn min iqanqal l-eċċezzjoni. F'dan il-każ, kienu l-intimati li qajmu l- eċċezzjoni li r-rikorrent naqas li jinqeda b'rimedji oħra li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu, u huwa għalhekk dmir tagħhom li juru li r-rikorrent tassew kellu dak ir-rimedju u li naqas li jinqeda bih;*

*.........*

*"Illi, madankollu, l-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fiż-żmien tal-allegat ksur tal-jedd fondamentali li dwaru jitressaq l-ilment, u mhux fiż-żmien li jkun tressaq l-ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali. Mhuwiex mogħti lil persuna l-benefiċċju li l-ewwel tħalli jgħaddi għalxejn iż-żmien li fih setgħet tieħu r-rimedju għall-ksur tal-jedd tagħha, u mbagħad tressaq ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali dwar l-istess ksur bħallikieku l-proċedura kostituzzjonali jew konvenzjonali kienet xi rimedju in extremis li wieħed jista' jirrikorri għalih biex isewwi żball jew nuqqas li ma messux twettaq qabel;*

*.......*

*"Illi d-diskrezzjoni li l-Qorti tagħżel li tieħu jekk twettaqx jew le s-setgħat tagħha kostituzzjonali biex tisma' kawża għandha tiġi eżerċitata bi prudenza, b'mod li fejn jidher li hemm jew sejjer ikun hemm ksur serju ta' drittijiet fondamentali, il-Qorti xxaqleb lejn it-twettiq ta' dawk is-setgħat;*

*.......*

*"Illi l-kejl determinanti dwar l-aċċettabilita` ta' rimedju bħal dak jibqa' dejjem dak ta' kemm huwa effettiv ir-rimedju li jista' jingħata. Għalhekk, kien hemm każijiet fejn ir-rimedju amministrattiv tqies bħala wieħed li jindirizza sewwa l- ilment imressaq mir-rikorrent (ukoll fejn l-allegazzjoni kienet ta' ksur ta' jedd "konvenzjonali") (u għalhekk jiġġustifika li l-Qorti "kostituzzjonali" tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha straordinarji), imma kien hemm każijiet oħrajn ukoll fejn tali rimedju ma tqiesx bħala wieħed effettiv;*

*"Illi, minbarra dan, jidher li l-kwestjoni marbuta mal-eżawriment tal-proċeduri 'ordinarji' qabel ma wieħed jersaq għar-rimedju 'kostituzzjonali' jew 'konvenzjonali' jridu jitqiesu wkoll minn jekk ir-rimedji eżistenti jitqisux fihom infushom tajbin biżżejjed biex ma joħolqux ilmenti ġodda ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali meta wieħed iqis jekk għandux jirrikorri għalihom. F'dan ir- rigward, il-Qorti tqis li ma tistax tinjora l-kejl suġġerit mill-Qorti ta' Strasbourg fejn jidħol dan l-element ta' eżawriment ta' rimedji domestiċi ordinarji, kif stabilit f'kawżi li jolqtu lil Malta;*

*"Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li l-Qorti għadha kemm għamlet, jidher li l- eċċezzjoni mqajma mill-intimati hija tajba fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Meta wieħed jara r-regolamenti li jagħtu l-jedd ta' appell minn deċiżjonijiet tal- Kumitat, wieħed isib li dawn jagħtu garanziji ta' smigħ xieraq u jindirizzaw effettivament aspetti wiesgħa tal-każ. L-istess regolamenti mhumiex marbuta ma' appelli biss fuq punti ta' liġi, imma jiġbru fihom jedd ta' appell mid- deċiżjonijiet kollha li jagħti l-Kumitat;*

*"Illi, wara li l-Qorti għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, hija tasal għall- fehma li l-intimati tawha raġunijiet tajba biżżejjed biex tilqa' l-istedina tagħhom li tagħżel li ma twettaqx is-setgħat kostituzzjonali tagħha biex tisma' l-każ imressaq quddiemha mir-rikorrent, u dan għar-raġuni li r-rikorrent kellu u għad għandu rimedju ieħor tajjeb dwar l-ilment tiegħu. Għalhekk, il-Qorti sejra tilqa' din l-eċċezzjoni preliminari tagħhom".*

5. B'rikors tal-appell preżentat fil-11 ta' April 2018, l-attur ilmenta mis-sentenza tal-ewwel Qorti u argumenta li:-

i. Il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja ma tagħtix rimedju ta' indoli kostituzzjonali għaliex l-attur m'huwiex jingħata smigħ fi żmien raġonevoli.

ii. Qiegħed jilmenta wkoll minn aġir tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja fir-rigward ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 101A(6b) tal-Kostituzzjoni. F'dan il-każ il-Kummissjoni kellha obbligu li tisma' il-każ hi minħabba t-trapass tal-perjodu li jissemma fl-istess disposizzjoni. Bl-ordni li tat il-Kummissjoni ġie li kisret id-drittijiet tal-attur skont ma jirriżulta mill-imsemmija disposizzjoni. F'dan ir-rigward l-attur m'għandu l-ebda jedd ta' appell quddiem l-istess Kummissjoni. Bl-ordni li tat il-Kummissjoni fl-20 ta' Far 2014 tawlet iż-żmien u awtorizzat lill-Kumitat għall-Avukati u

Prokuraturi Legali sabiex ikompli jisma' il-każi li kienu ilhom is-snin pendenti.

6. Fis-26 ta' April 2018 l-Avukat Ġenerali ppreżenta tweġiba u ta r-raġunijiet għalfejn l-appell tal-attur għandu jiġi miċħud. Dakinhar stess il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja ppreżentat tweġiba u tat ir-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell. Fihom baqgħu jinsistu li l-attur kellu r-rimedju ta' appell quddiem il-Kummissjoni. Mandy Azzopardi u George Galea ma wieġbux.

**Fatti.**

7. Il-Qorti rat l-atti tal-proċeduri li kienu qegħdin isiru quddiem il-Kumitat għall-Avukati u Prokuraturi Legali. Jirriżulta li:-

i. Mill-inkartament li hemm fl-atti, jirriżulta li l-proċeduri quddiem il-Kumitat għall-Avukati u Prokuraturi Legali ilu għaddej għallinqas żgur mis-sena 2012 (ara ittra tal-appellata Mandy Azzopardi tal-5.2.2014). L-appellata għamlet akkużi serji kontra l-appellant, li jinkludu misappropriјazzjoni ta' flus.
ii. L-atti tal-Kumitat għall-Avukat u Prokuraturi Legali li ġew allegati jkopru biss il-perjodu ta' dak li ġara bejn l-20 ta' Jannar 2014 u 17 ta' Marzu 2014.

iii. Waqt seduta tal-20 ta' Jannar 2014 quddiem il-Kumitat għall-Avukati u Prokuraturi Legali, l-attur għamel referenza għall-Artikolu 101A(6b) tal-Kostituzzjoni li jipprovdi li l-Kumitat għandu jibgħat rapport bil-konklużjonijiet fi żmien xahrejn minn meta l-każ tressaq quddiem il-Kumitat, u li fl-ebda każ m'għandu jkun estiż għall-perjodu ta' iktar minn erba' xhur. L-attur argumenta li dak kollu li sar wara l-imsemmi perjodu kien null. Wara s-seduta l-Kumitat iddeċieda li jirreferi l-ilment lill-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja.

iv. Mandy Azzopardi bagħtet ittra datata 5 ta' Frar 2014 lill-Avukat Ġenerali u ilmentat li l-ilment tagħha kontra l-appellant, li tgħid li sar fl-2011, kien għadu pendenti. Minn dik l-ittra jirriżulta li wkoll matul is-sena 2012 kienu saru seduti quddiem il-Kumitat għall-Avukati u Prokuraturi Legali. Fl-ittra semmiet iktar minn għoxrin seduta quddiem il-Kumitat.

v. B'ittra legali datata 8 ta' Frar 2014, id-difensur ta' Mandy Azzopardi wieġeb għat-talba tal-attur.

vi. Waqt seduta tal-20 ta' Frar 2014 tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja, kien deċiż li t-terminu għas-smigħ tal-każ ikun estiż *a tenur* tal-Artikolu 101A(6b) tal-Kostituzzjoni ladarba l-Kumitat jagħmel talba għall-estensjoni.

vii. B'ittra datata 21 ta' Frar 2014 is-segretarja tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja nfurmat lil Azzopardi li l-każ kien għadu qiegħed jiġi investigat mill-Kummissjoni.

viii. Fil-laqgħa tas-17 ta' Marzu 2014 tal-Kumitat, kien dikjarat li fil-laqgħa tal-20 ta' Frar 2014 il-Kummissjoni kienet estendiet it-terminu għas-smigħ tal-ilment.

ix. Fit-13 ta' Marzu 2017 l-attur ippreżenta l-kawża kostituzzjonali.

x. M'hemmx prova li bejn il-laqgħa tas-17 ta' Marzu 2014 sat-13 ta' Marzu 2017 sar xi progress quddiem il-Kumitat għall-Avukati u Prokuraturi Legali. L-aħħar dokument fl-inkartament hi proprju l-minuta tal-laqgħa tas-17 ta' Marzu 2014 tal-Kumitat.

**Konsiderazzjoni.**

8. L-ewwel Qorti għażlet li teżerċita s-setgħa li jagħtu l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319 u kkonkludiet li r-rikorrent għandu rimedju ordinarju. Skond l-ewwel Qorti r-rimedju hu appell lill-Kummissjoni.

9. Skont l-Att dwar il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja (Kap. 369) hemm dritt ta' appell quddiem il-Kummissjoni meta l-Kumitat isib li jkun hemm imġieba ħażina minn avukat jew prokuratur

legali (Art. 3(9) tal-Kap. 369). Il-Kummissjoni jkollha l-istess setgħat li għandu l-Kumitat skont l-Artikolu 3(7) tal-istess liġi. Hemm ukoll il-Leġislazzjoni Sussidjarja 369.02 (Regoli dwar Appelli minn Deċiżjonijiet tal-Kumitat għall-Avukati u Prokuraturi Legali, Avviż Legali 32 tal-1997) li tirregola l-appelli li jsiru quddiem il-Kummissjoni minn deċiżjonijiet tal-Kumitat għall-Avukati u Prokuraturi Legali.

10. Minn qari tad-disposizzjonijiet il-Qorti fehmet li d-dritt ta' appell quddiem il-Kummissjoni hu meta l-Kumitat ikun sab li hemm imġieba ħażina jew il-professjonist ikun qiegħed isofri minn inkapaċita` mentali li b'mod serju taffetwa l-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu. Fil-każ preżenti s'issa għad m'hemm l-ebda deċiżjoni tal-Kumitat fil-meritu.

11. Wieħed irid japprezza li dwar l-ilment tal-attur li l-każ ma ġiex deċiż fi żmien raġonevoli u b'hekk sofra ksur tal-jedd fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq taħt l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, m'huwiex ilment li jista' jiġi riferut lill-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja. L-ilment tal-attur hu li peress li l-każ quddiem il-Kumitat ma ġiex determinat fi żmien xieraq, sofra ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq. Materja li żgur li l-Kummissjoni m'għandhiex il-kompetenza biex tiddeċiedi dwarha. Il-Kummissjoni ma tistax tagħti rimedju għal dak li diġa` ġara.

12. Ilment ieħor hu li l-Kummissjoni ma setgħet qatt iġġedded it-terminu sabiex il-Kumitat ikompli jisma' il-kaz, in vista ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 101A(6b) tal-Kostituzzjoni. L-Artikolu 101A(6b) tal-Kostituzzjoni jipprovdi:-

> *"Minkejja d-disposizzjonijiet tal-paragrafu (a) ta' dan is-subartikolu, il-Kummissjoni għandha tirreferi lill-Kumitat għall-Avukati u Prokuraturi Legali (hawn aktar 'il quddiem f'dan is-subparagrafu msejjaħ "il-Kumitat") kull kwistjoni li tirrigwarda l-imġieba ħażina ta' avukat jew prokuratur legali fl-eżerċizzju tal-professjoni tagħhom, u, ħlief f'każ ta' appell, il-Kummissjoni ma għandhiex taġixxi xort'oħra fuq dik il-kwistjoni ħlief wara li tkun irċeviet u skont il-konklużjonijiet tal-Kumitat f'dik il-materja. B'dana illi meta rapport tal-konklużjonijiet tal-Kumitat ma jkunx għadu ġie ppreżentat lill-Kummissjoni fi żmien xahrejn mill-jum meta l-kwistjoni tkun tressqet l-ewwel darba quddiem il-Kumitat, jew f'dak il-perjodu ieħor jew perjodi oħrajn li l-Kummissjoni tista' tippermetti, li fl-ebda każ, ħlief għal raġunijiet eċċezzjonali ħafna, ma għandhom jissuperaw l-erba' xhur, il-Kummissjoni għandha minnufih tinvestiga l-kwistjoni u taqtagħha hi nnifisha".*

13. Materja li l-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja ddeċidiet dwarha waqt il-laqgħa tal-20 ta' Far 2014. Għalhekk ukoll jekk għall-grazzja tal-argument jeżisti dritt ta' appell fuq dik il-materja quddiem il-Kummissjoni, l-attur żgur li ma setax jappella quddiem il-Kummissjoni li kienet diġa` esprimiet ruħha dwar x'għandu jsir (ara l-minuti tas-seduta tal-20 ta' Frar 2014).

14. Dwar dawn iż-żewġ ilmenti biss l-attur għandu raġun li l-ewwel Qorti ma kellhiex tilqa' l-erba' eċċezzjonijiet preliminari u tiddeklina milli teżerċita setgħat tagħha li tisma' il-kawża skont id-disposizzjonijet fuq imsemmija.

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell tal-attur u tħassar is-sentenza tal-ewwel Qorti tat-22 ta' Marzu 2018 u minflok tiċħad it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-Avukat Ġenerali, it-tielet eċċezzjoni preliminari tal-intimata Mandy Azzopardi, it-tieni eċċezzjoni tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja u l-ewwel eċċezzjoni tal-Kumitat għall-Avukati u Prokuraturi Legali. Spejjeż taż-żewġ istanzi a karigu ta' dawk il-partijiet li taw l-imsemmija eċċezzjoni.

Tordna li r-Reġistratur jibgħat l-atti lura quddiem l-ewwel Qorti sabiex tissokta bis-smigħ tal-kawża.

| | | |
|---|---|---|
| Tonio Mallia<br>Aġent President | Anthony Ellul<br>Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr